MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 909/2014

**Fl-Atti tar-Rikors ta`**

**More Supermarkets (Hamrun) Limited (C57252)**

**Il-Qorti :**

Fis-17 ta` Ottubru 2014, is-socjeta` More Supermarkets (Hamrun) Limited (C57252) [minn issa `l quddiem tissejjah "More (Hamrun)") ipprezentat rikors fejn, ghar-ragunijiet hemm specifikati, talbet lill-Qorti sabiex tpoggieha taht procedura ta` rkupru skond l-Art 329B tal-Kap 386, u sabiex tahtar kontrollur specjali biex jiehu kontroll hu, biex jimmanigga u jamministra n-negozju tas-socjeta` rikorrenti ghal zmien specifikat mill-Qorti skond l-istess Art 329B tal-Kap 386. Mar-rikors kienu prezentati dokumenti.

B`digriet taghha tal-20 ta` Ottubru 2014, il-Qorti appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 23 ta` Ottubru 2014 fid-9.00 a.m.

Illi wara li fl-udjenza l-Qorti kisbet it-taghrif li kienet tehtieg, halliet ir-rikors ghal provvediment.

**Ikkunsidrat :**

Il-*company recovery procedure* [maghruf ukoll bhala *company rescue*] kien introdott ghall-ewwel darba fid-dritt socjetarju Malti permezz tal-**<u>Art 329B tal-Kap 386</u>** bis-sahha tal-Att IV tal-2003.

Il-procedura hija mfassla fuq is-sistema tal-"*administration*" li jitħaddem fid-dritt Ingliż dwar il-Kumpanniji. Jingħad minn Bailey, Groves & Smith fil-ktieb taghhom "*Corporate Insolvency"* (2nd. Edit, 2001) pag. 120 li –

"*Inevitably the procedure obliges the court, lawyers and accountants to approach the problem raised with commercial awareness and sensibility. The court, in particular, is being asked on the hearing of the petition to make a commercial judgement which is often difficult to make even for a business person. The procedure is court based and professional advisers must be involved from the earliest point possible ; much of the success of the procedure will depend on the preliminary work leading up to presentation of the petition.*"

L-Art 329B hija disposizzjoni komplessa li din il-Qorti qeghda taqsam f`sitt partijiet :-

1) Fl-ewwel parti li tingabar fl-incizi (1), (2) u (3) hija ta` natura pregudizzjali fis-sens illi l-ligi tiddelinea l-kondizzjonijiet li fuqhom il-Qorti trid tasal ghad-decizjoni taghha li jew tichad it-talba jew inkella illi taghmel l-ordni biex il-kumpannija tirkupra.

2) Fit-tieni parti li tingabar fl-inciz (4) hemm trattati l-effetti ta` procedura ta` din ix-xorta, li jibdew ighoddu mid-data tal-presentata. Dawk l-effetti jintemmu fid-data li fiha t-talba ma tintlaqax. Jew ikomplu matul iz-zmien kollu li fih tkun giet awtorizzata l-procedura biex kumpannija tirkupra.

3) It-tielet parti migbura fl-incizi (5), (6), (7), (10) u (11) tittratta l-hatra, tnehhija jew vakanza tal-kontrollur specjali kif ukoll, is-setghat u d-dmirijiet tieghu.

4) Ir-raba` parti li tingabar fl-incizi (8) u (9) tittratta kwistjonijiet meta waqt li tkun ghaddejja l-procedura jirrizulta negozju frawdolenti jew negozju hazin.

5) Il-hames parti li tingabar fl-incizi (12) u (13) tittratta dwar it-terminazzjoni tal-ordni u l-ghoti ta` dokumenti lir-Registratur tal-Kumpanniji.

6) Waqt li s-sitt parti li tingabar fl-inciz (14) tittratta l-istralc tal-kumpannija mill-Qorti.

**F`dan l-istadju, il-Qorti sejra tillimita ruhha ghal analizi tal-ewwel parti tad-disposizzjoni. Jekk ma tkunx tal-fehma li ghandha taghti l-ordni, ma jkunx hemm htiega li tqis il-partijiet l-ohra. Jekk tiddeciedi diversament, allura mbaghad tghaddi biex tistharreg il-bqija tad-disposizzjoni.**

**Ikkunsidrat :**

Skond l-inciz (1) tal-Art 329B, *meta kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha jew jew x'aktarx ikun imminenti li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha*, jista` jsir rikors fejn il-Qorti tintalab *biex il-kumpannija titqieghed taht procedura biex kumpannija tirkupra u biex tahtar kontrollur specjali biex jiehu kontroll hu, biex jimmanigga u jamminstra n-negozju tal-kumpannija ghal zmien specifikat mill-Qorti.*

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta *ex admissis* mill-hames paragrafu tar-rikors promotorju illi *l-kumpannija rikorrenti ma tistax thallas id-djun taghha jew li hu imminenti li ma tistax thallas id-djun taghha.*

Skond il-paragrafu (b) tal-inciz (1), ir-rikors jista` jigi prezentat –

*(i) jew mill-kumpannija wara rizoluzzjoni straordinarja ; jew*

*(ii) mid-diretturi wara decizjoni tal-bord tad-diretturi ; jew*

*(iii) mill-kredituri tal-kumpannija li jirrapprezentaw aktar minn nofs il-valur tal-kredituri tal-kumpannija.*

Procedura biex kumpannija tirkupra tapplika ghal –

*(i) il-kumpanniji kollha li ma jikkwalifikawx bhala "kumpanniji zghar" skond l-artikolu 185 ; u*

*(ii) "kumpanniji zghar" li jkollhom iktar minn valur ta' €465,874.68 dovut lill-kredituri.*

L-inciz (2) ighid hekk –

*(a) Rikors ghandu, kemm hu possibli, jaghti l-fatti, ic-cirkostanzi u r-ragunijiet kollha li wasslu biex il-kumpannija ma tkunx tista' jew ikunu imminenti li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha, flimkien ma' dikjarazzjoni mir-rikorrent ta` kif il-qaghda finanzjarja u ekonomika tal-kumpannija tkun tista' tittejjeb fl-interessi tal-kredituri u ta' l-impjegati taghha u tal-kumpannija nnifisha bhala azjenda vijabbli.*

*(b) Meta rikors ikun maghmul mill-kumpannija, ghandhom ikunu annessi mieghu d-dokumenti li gejjin :*

*(i) dikjarazzjoni ta' l-attiv u l-passiv tal-kumpannija maghmula sa data li ma tkunx qabel id-data tar-rikors b'iktar minn xahrejn ; u*

*(ii) lista li jkun fiha l-ismijiet u l-indirizzi tal-kredituri flimkien ma' indikazzjoni ta' l-ammont dovut lil kull wieJed minn dawk il-kredituri u s-sigurtà, jekk ikun hemm, tal-kredituri rispettivi …*

L-inciz (3) jittratta s-setghat tal-Qorti u ighid hekk –

*(a) Meta tisma' rikors, il-Qorti tista', wara li tezamina c-cirkostanzi kollha u l-azzjonijiet li jkun hemm, jew tichad ir-rikors jew tohrog ordni biex kumpannija tirkupra … fejn tilqa' t-talba u tqieghed lill-kumpannija taht procedura biex kumpannija tirkupra.*

*(b) Il-Qorti ghandha tilqa' r-rikors, u skond dan tqieghed lill-kumpannija taht procedura biex kumpannija tirkupra, biss jekk -*

*(i) tkun sodisfatta li l-kumpannija ma tkunx tista', jew x'aktarx ikun imminenti, li ma tkunx tista', thallas id-djun taghha skond kif imfisser fl-artikolu 214(5) ; u*

*(ii) jekk tikkunsidra li l-ordni x`aktarx jilhaq xi wiehed mill-ghanijiet li gejjin :*

*- li l-kumpannija tibqa' azjenda vijabbli ghal kollox jew f'parti ; jew*

*- is-sanzjonament taht l-artikolu 327 ta' kompromess jew arrangament bejn il-kumpannija u kull kredituri jew membri taghha.*

*(c) Fl-eghmil ta' ordni, il-Qorti ghandha tikkunsidra :*

*(i) l-ahjar interessi tal-kredituri, ta' l-azzjonisti u tal-kumpannija nnifisha, u l-possibbiltà li thares l-impjiegi kif ikun jidher ragonevoli u finanzjarjament possibli fic-cirkostanzi ; u*

*(ii) il-kost li jkollu jsir biex tkun adottata procedura biex kumpannija tirkupra, partikolarment id-drittijiet u l-ispejjez li jkollhom jithallsu.*

Il-Qorti hija marbuta b`terminu perentorju li huwa stabbilit fis-subinciz (e) tal-inciz (3) li jaqra hekk –

*Il-Qorti ghandha tiddeciedi jekk tichadx ir-rikors jew taghmilx ordni biex kumpannija tirkupra fi zmien ta` mhux iktar minn ghoxrin jum tax-xoghol minn meta jkun prezentat ir-rikors.*

**Ikkunsidrat :**

Il-procediment tal-lum kien inizjat minn More (Hamrun) stess, mhux mid-diretturi taghha jew mill-kredituri taghha.

**Mar-rikors promotorju kienu prezentati numru ta` dokumenti. Pero` dokument vitali u krucjali biex tigi inizjata l-procedura mill-kumpannija u cioe` r-risoluzzjoni straordinarja mil-laqgha generali tal-kumpannija kienet mankanti.**

Ghalkemm ghall-udjenza tat-23 ta` Ottubru 2014 kienu prezenti tnejn mid-diretturi ta` More (Hamrun) u cioe` Adrian Agius u Kurt Camilleri, u kien prezenti wkoll Darren Casha, uniku direttur ta` D. More Holdings Limited (C65016) li hija l-unika azzjonista ta` More (Hamrun), hadd minnhom ma pprezenta r-rizoluzzjoni straordinarja jew kopja legali taghha. U ghalkemm kien hemm impenn mal-Qorti li jigi prezentat l-att fid-data tal-udjenza stess, l-att baqa` ma giex prezentat. Billi r-rizoluzzjoni straordinarja hija l-ahjar prova, u din l-ahjar prova ma saritx, il-Qorti bid-dritt kollu tista` tichad it-talba f`dan l-istadju billi l-kumpannija rikorrenti ma ottemperatx ruhha mal-Art 329B(1)(b)(i) tal-Kap 386.

Dan premess il-Qorti mhijiex sejra tieqaf hawn izda sejra taghmel konsiderazzjonijiet ohra.

Fl-udjenza tat-23 ta` Ottubru 2014, id-difensur ta` Kurt Camilleri ddikjara li l-kumpannija rikorrenti diga` tinsab fi stat ta` insolvenza fis-sens illi mhijiex f`qaghda li thallas id-djun taghha ghaliex meta tqabbel l-attiv mal-passiv, il-passiv jissupera bil-qabda l-attiv.

Fi procediment ta` din ix-xorta, jispetta lill-kumpannija rikorrenti illi tissoddisfa lill-Qorti li l-prospetti finanzjarji futuri taghha huma talment posittivi illi minkejja li llum ma tistax thallas id-djun jaghmluha vijabbli.

Fir-rikors promotorju, More (Hamrun) tirreferi ghal pjan ta` ristrutturar. Fl-istess rikors, jinghad li Darren Casha u Dennis Francalanza, kontrollur finanzjarju ta`

More (Hamrun) *ghandhom mfassal* dan il-pjan ta` ristrutturar. Fl-udjenza tat-23 ta` Ottubru 2014, il-Qorti kienet infurmata li l-pjan mhuwiex bil-miktub.

B`riferenza ghall-procediment ta` din ix-xorta, il-Professur Andrew Muscat, fil-pagna 45 ta` "***Principles of Maltese Company Law***" (Malta University Press – 2007), jghid hekk –

"*The primary aim of this far reaching procedure is to allow, if practicable, companies in financial difficulty to recover rather than to be put them into liquidation. The procedure is intended to be an alternative to the liquidation of a troubled business. It is not however intended to make effective insolvency or to merely postpone the inevitable crash*".

Sabiex kumpannija taqbad it-triq tal-irkupru, meta diga` tinsab f`qaghda li ma tistax thallas id-djun taghha, tehtieg *fresh capital injection* apparti ripensament dwar direzzjoni, tmexxija u kontroll finanzjarju. Meqjus il-fatt li l-unika azzjonista ta` More (Hamrun) ma tefghetx aktar flus minn taghha fil-kumpannija rikorrenti, l-ebda kreditur mhu se jkun tolleranti, u l-ebda investitur gdida mhu se johrog mqar sold wiehed jekk mhux se jkun konvint li hemm *business plan* serju lest u attwabbli. Fil-kaz tal-lum, *ex admissis* jirrizulta li ghadu ma sar xejn bil-miktub ; *eppure* More (Hamrun) qeghda tistenna li tinghata c-cans li tirkupra. Il-Qorti tiddubita serjament mill-esistenza ta` dan il-pjan ai sensi tal-Art. 329B(2)(a) tal-Kap 386. La mir-rikors promotorju, u lanqas mid-dokumenti esebiti, ma tirrizulta d-dikjarazzjoni li trid il-ligi *ta` kif il-qaghda finanzjarja u ekonomika tal-kumpannija tkun tista` tittejjeb fl-interessi tal-kredituri u tal-impjegati taghha u tal-kumpannija nnfisha bhala azjenda vijabbli.*

Id-dokumenti li pprezentat More (Hamrun) mar-rikors promotorju kienu dawn :-

Dok A : Il-*company details* ta` D. More Holdings Limited

Dok B : Il-*company details* ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited Dok C : Ittra ta` Kurt Camilleri lil D. More Holdings Ltd

Dok D : Lista ta` kredituri fornituri

Dok E : Lista ta` debiti ohra

Dok F : Nominal activity

Dok G – H : Accounts sat-30 ta` Gunju 2014

Dok I : Email datata 15 ta` Ottubru 2014

Dok J : Memorandum u articles of association ta` More (Hamrun)

Minn esami ta` dawn id-dokumenti, in partikolari Dok G u H, jirrizulta li fid-data tal-presentata tar-rikors promotorju, More (Hamrun) ma ottemperatx ruhha mal-Art 329B(2)(b)(i) tal-Kap 386. Dan ifisser illi l-Qorti mhijex edotta mill-qaghda finanzjarja tal-kumpannija rikorrenti fid-data tal-presentata tar-rikors promotorju. Kien obbligu ta` More (Hamrun) li mad-data tal-presentata tar-rikors taghmel lill-Qorti edotta mill-qaghda finanzjarja taghha kif irid l-Art 329B(2)(b)(i) tal-Kap 386. Huwa ben evidenti li l-qaghda finanzjarja diga` negattiva sat-30 ta` Gunju 2014 marret ghall-aghar fix-xahrejn precedenti l-presentata tar-rikors promotorju kif jirrizulta mill-kontenut tar-rikors, u minn dak li rrizulta waqt l-udjenza tat-23 ta` Ottubru 2014.

Il-Qorti trid tghid baqghet sorpriza ghall-ahhar meta fil-kors tal-udjenza tat-23 ta` Ottubru 2014, Darren Casha direttur uniku ta` D. More Holdings Limited, li hija l-unika azzjonista ta` More (Hamrun), kontra d-direzzjoni li ttentaw jaghtu z-zewg diretturi ta` More (Hamrun) li kienu prezenti ghall-udjenza, cahad li kien hemm pjan ta` risanament tal-kumpannija rikorrenti u mar oltre meta *ddikjara li ma hemm xejn x`jigi rkuprat fil-kumpannija rikorrenti billi bid-djun li ghandha ma tistax tirkupra.* Min-naha taghhom, id-diretturi ta` More (Hamrun) iddikjaraw li kien biss fl-udjenza *li huma semghu lil Darren Casha jaghmel din id-dikjarazzjoni.*

Id-dikjarazzjoni ta` Darren Casha mhijiex biss prova lampanti ta` konflitt bejn l-unika azzjonista ta` More (Hamrun) u d-diretturi ta` More (Hamrun), izda wkoll min-naha wahda ggib fix-xejn li t-tama li l-procediment tal-lum jista` jwassal ghal dak li l-ligi tridu li jkun, u min-naha l-ohra ssahhah is-suspett tal-Qorti li l-iskop wara l-presentata tar-rikors promotorju kien tentattiv sabiex ma jitwettqux il-mizuri li huma elenkati minn (a) sa (g) fl-Art 329B(4) tal-Kap 386. Bid-dikjarazzjoni li ghamel fil-miftuh quddiem il-Qorti, Darren Casha sahhah il-fehma tal-Qorti li l-allegat pjan ta` ristrutturar kien tentattiv iddisprat tad-diretturi ta` More (Hamrun) sabiex jippruvaw ibieghdu, kemm jistghu, il-kollass shih u inevitabbli tal-kumpannija, certament mhux fl-interess tal-haddiema taghhom, izda a skapitu tal-kredituri taghha. L-iskop tal-procedura odjerna huwa propju li jsalva kumpannija li bid-debiti kawteli tista' realment tkun f'posizzjoni li tistejqer u taqbad mill-gdid it-triq ghall-profitt.

Billi fil-kaz tal-lum huwa ppruvat ghas-sodisfazzjoni taghha li l-kumpannija rikorrenti mhux biss ma ghandhiex pjan ta` rkupru biex jaghmilha finanzjarjament u ekonomika vijabbli, izda l-qaghda taghha li ma tistax thallas id-djun taghha llum hija rriversibbli.

In vista ta` din il-konkluzjoni, il-Qorti mhijiex sejra tghaddi ghall-konsiderazzjoni ta` l-bqija tal-Art 329B.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti tiddikjara illi ma jirrizultawx l-elementi li jrid l-Art 329B tal-Kap 386 sabiex taghti ordni li jqieghed lill-kumpannija More Supermarkets (Hamrun) Limited (C57252) taht procedura ta` rkupru. Ghalhekk qeghda tichad it-talbiet tal-kumpannija rikorrenti kif dedotti fir-rikors taghha tas-17 ta` Ottubru 2014, bl-ispejjez kontra l-istess kumpannija rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------